# L-ADDOLORATA GEWWA BELLUNO



IL-VARA TA' MARIJA ADDOLORATA GEWWA BELLUNO

Antikissma f’Belluno, l-belt veneta, il-purcissjoni ta’ Marija Addolorata. Kienet l-kongregazzjoni religjuza tas-Servi ta’

Marija li fis-sena 1468 bniet kappella fil-knisja gotika dedikata lil San Stiefnu biex fiha jithares il-kult lejn din l-Omm tas-Sofferenzi.

Fis-sena 1716 inghata bidu ghall-purcissjoni tad-Duluri li fi zminijietna ssir zewgt iHdud qabel l-Ghid il-Kbir.

Il-purcissjoni tghaddi minn bosta pjazzez wara li thalli l-knisja ta’ San Stiefnu, akkumpanjata mill-kant tal-partecipanti.

L-istatwa tirraprezenta lil Marija b’qalbha minfuda b’seba’ stalletti li jfissru t-tbatija.

Wara li tispicca l-purcissjoni, tibda’ festa ohra ta’ xalar fejn jintramaw bosta mwejjed ta’ ikel u loghob biex il-poplu jiddeverti. Hekk kif il-jum jigi fi tmiemu isir loghob tan-nar biex bhallikieku jirringrazzjaw lil Marija tal-protezzjoni taghha fuq il-belt.